**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Rikors nru: 168/2016 CFF**

**CHARLIE AUTO DEALER LIMITED**

**VS**

**KEVIN PACE**

**Illum 18 t'April, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Kevin Pace fejn espona:

1. Illi l-esponenti gie nnotifikat bl-ittra ufficjali permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni;

2. Illi l-esponenti jirrileva li ai termini tal-Artiklu 253(e) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, rigward kambjali mahruga skond il-ligijiet kummercjali, tali provedimenti ma jkunux applikabbli jekk il-firma fuq il-kambjali ma tkunx wahda genwina, cioe' mhux tal-persuna u anqas ta' xi mandatarju taghha u/jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni.

3. Illi l-ftehim bejn il-partijiet li kien dahal fis-sehh fit-12 ta' Marzu, 2010, huwa wiehed illecitu, fejn in-negozjant stabbilixxa r-rata ta' 8.50% fis-sena, tali rata tmur oltre minn dik legalment permessa ai termini tal-Artiklu 1852(1) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Ara l-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok A).

4. Illi in vista ta' dan l-esponenti jaghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet Ronald Azzopardi et vs Mario Testaferrata (Ref 57/2005) fejn il-Qorti rat u osservat li l-ftehim li sar kien aktar mir-rata permessibbli fil-ligi u b'referenza ghall-kawza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Ciappara et vs Mifsud deciza mill-Qorti tal-Appell fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

   *"Illi, ghalkemm huwa minnu li pacta sunt servanda u li l-kuntratti jobbligaw lill-partijiet fit-termini taghhom, kif ukoll li l-kuntratti ghandhom il-prezunzjoni tar-realta u tal-validita': daqstant huwa stabbilit fil-ligi li wiehed mir-rekwiziti essenzjali ghall-validita' tal-kuntratt u tal-konvenzjoni huwa li dawn ghandhom ikunu bazati fuq kawzi leciti, b'mod li l-kawza illecita sservi sabiex tirrendi nulla l-konverzjoni, in toto jew in parte, skond il-kaz. Di piu il-principju contra testimonium scriptum non scriptum non fertur isofri minn deroga fil-kaz li fil-kuntratt ikun hemm simulat jew kamuffat ftehim li mhux permess mill-ligi, anzi jkun espressament projbit bhal ma hija l-impozizzjoni ta' l-imghax in access ghal dak stabbilit mill-ligi".*

   Riferenza ssir ghall-kaz b'riferenza 638/2007, deciz mill-Onor. Imhallef Lino Farrugia Sacco, datat 24 ta' Ottubru, 2012, kif ukoll kaz b'riferenza 57/2005/AF, deciz mill-Onor. Imhallef Anna Felice fis-17 ta' Marzu, 2016, tali kazijiet fejn il-Qrati kkonfermaw li imghax ta' izjed minn 8% huwa wiehed illecitu.

5. Illi fil-kawza fl-ismijiet Maria Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti pro et noe (Citaz. Nru 638/2007) deciza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-erbgha u

ghoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) il-Qorti rriteniet is-segwenti:

"*Huwa ovvju li l-ewwel talba ghandha tigi milqugha ghax din verament hija msejsa fuq kawza llecita' billi l-imghax miftiehem huwa wiehed ta' 10%. Infatti dawn it-tlett skritturi m'ghandhomx ikollhom effett ghall-fini tal-ligi u l-partijiet ghandhom jispiccaw fl-istatus quo ante....*"

6. Illi mill-kalkoli wiehed jista' facilment jinduna li l-ammont ta' interessi li hemm fuq il-vettura huwa ezorbitanti u zgur li jeccedi l-ghola rata li tippermetti l-ligi.

7. Illi barra minn hekk l-esponenti jikkontendi illi minkejja li huwa ghamel diversi pagamenti, huwa qatt ma gie moghti l-kambjali tal-pagamenti effettwati minnu.

Ghaldaqstant fl-isfond tas-suespost l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali pprezentati mal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi u taht kull provediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa skond il-kaz.

Bl-ispejjez kontra Charlie Auto Dealer Limited.

Rat **ir-risposta** ta' Charlie Auto Dealer Limited fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi ai termini ta' l-Artikolu 1852(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-imghax miftiehem f'izjed minn 8% jigi mnaqqas ghall-limiti mposti bil-ligi, u ghalhekk il-fatt li l-partijiet ftehmu fl-iskrittura tat-12 ta' Marzu, 2010 illi l-imghaxijiet ghandhom ikunu aktar minn 8%, dan ma jgibx in-nullita' ta' l-iskrittura, kambjali jew tad-dejn in kwistjoni, imma semmai din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkundanna lill-intimat ihallas id-dejn tieghu ghas-somma ridotta bl-imghax ta' 8%.

3. Illi l-esponenti ghalhekk qieghed permezz tal-prezenti jirriduci t-talba tieghu ghas-somma ta' €8696.86, rapprezentanti l-bilanc dovut wara li l-imghax jigi kkalkulati bit-8% u dan skond l-istatement hawn anness u mmarkat Dok CAD 1 liema differenza tohrog meta l-istatement jigi kkumparat ma l-istatement hawn anness u mmarkat Dok CAD 2, li juri l-interessi bl-8.5%.

4. Illi dan ir-rikors mhu xejn hlief tentattiv da parti tar-rikorrenti sabiex jahrab mill-obbligi tieghu u ma jhallasx djunu, fejn sahansitra r-rikorrenti ilu ma jhallas regolarment il-bilanc minnu dovut ghall-dawn l-ahhar tliet snin, minkejja li fil-frattemp il-karozza baqghet fil-pussess tieghu u tintuza minnu u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi ma jissussistux ir-rekwiziti fil-ligi sabiex tintlaqa' talba ghall-opposizzjoni tal-kambjali in kwistjoni u ma hemmx raguni valida jew gravi ai termini ta' l-Artikolu 253(e) sabiex jigu attakati l-kambjali stante li dan mhu xejn hlief tenattiv sabiex debitur jahrab minn djunu ghaliex huwa m'ghandux flus biex ihallas l-ammont minnu dovut kif fil-fatt ir-rikorrenti stess kien informa lill-esponenti.

6. Illi l-pagamenti kollha maghmula mir-rikorrenti, huma riflessi fil-bilanc dovut kif johrog mill-istatement hawn anness u mmarkat bhala Dok CAD 1, kif ukoll jirrizulta mill-fatt li l-esponenti qieghed jitlob il-hlas ghall-kambjali bin-numru 36 sa 72. Illi ma hemm l-ebda pagament maghmul mir-rikorrenti li m'huwiex rifless fl-istatement hawn anness.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ikkunsidrat:

Rat in-nota ta' riduzzjoni ezebita a fol 19 tal-process li permezz taghha s-socjeta' intimata irriduciet it-talba taghha skond kif indikat fl-ittra ufficcjali 1465/2016 ghal tmint elef sitt mija sitta u disghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€8696.86), u cioe' l-

figura l-gdida tirrifletti l-imghaxijiet ikkalkulati bir-rata ta' tmiena fil-mija (8%) u mhux bir-rata ta' tmienja punt hamsa fil-mija (8.5%) kif kien qieghed jigi kalkulat qabel.

Carmelo Sammut jikkonferma li huwa d-Direttur ta' Charlie Auto Dealer Limited liema kumpanija tixtri u tbiegh karozzi *second hand*. Jghid li fit-12 ta' Marzu, 2010 biegh karozza Toyota Axio lil Kevin Pace ghal prezz ta' €16,347.20. Kevin Pace hallas down payment ta' €2,564 u ghaldaqstant bhala bilanc kien ghad fadal €13,783.20. Il-ftehim li kellhom bejniethom Carmelo Sammut u Kevin Pace, kien li Kevin Pace jibda' jhallas il-kambjali fl-ammont ta' €245 kull xahar liema ammont kien jinkludi anke l-interessi. Kevin Pace ghal bidu kien regolari hafna fil-pagamenti tieghu izda maz-zmien beda' jaqbez il-pagamenti li kienu dovuti. Wara sentejn li Kevin Pace ma hallasx il-kambjali kull xahar, is-sur Carmelo Sammut ghamel ittra ufficjali fil-konfront ta' Kevin Pace. Carmelo Sammut jghid li huwa lest li jerga' jiehu l-karozza lura izda bl-istess prezz li hadha Kevin Pace u mhux kemm tiswa llum il-gurnata.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti qed jitlob li din il-Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali prezentati ma' l-ittra ufficcjali numru 1465/2016 mis-socjeta' intimata u dan peress li l-ammont taghhom huma kkalkulati bl-imghax ta' 8.5%, u cioe' iktar minn kemm tippermetti l-Ligi. Illi dan jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-istess Carmelo Sammut direttur tas-socjeta' intimata kif ukoll mill-ftehim ipprezentat bejn il-partijiet li jinsab a fol 3 tal-process datat 12 ta' Marzu 2010 meta l-partijiet ftehmu bejniethom li r-rikorrenti jhallas lis-socjeta' intimata kull xahar l-ammont ta' mitejn u hamsa u erbghin Ewro (€245) li jinkludi l-interessi ta' 8.5%.

Min-naha taghha s-socjeta' intimata kemm fir-risposta taghha u kemm permezz ta' nota ta' riduzzjoni prezentata fil-process tal-kawza, naqset l-ammont dovut ghal tmint elef sitt mija sitta u disghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€8696.86) u dan mill-ammont

originali kemm kien intalab minnha fl-ittra numru 1465/2016. Dan l-ammont huwa ammont rikalkolat bl-imghax mahdum bir-rata ta' 8% u mhux dak ta' 8.5%[1].

L-Artikolu 986(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid is-segwenti,

*"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1852 u ta' kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' mgħaxijiet f'iżjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu żejjed."*

Fil-fatt l-Artikolu 1852 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti,

*"(1) L-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena.*
*(2) L-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.*
*(3) Jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, iż-żejjed jinqata' mill-kapital."*

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza, referenza numru 638/2007CFS, fl-ismijiet, **Maria Dolores Montebello u zewġha Anthony Montebello għal kull interess li jista' jkollu v. Saviour Chetcuti proprio u fil-kapaċita` tiegħu bħala l-uniku u l-leġittimu eredi tal-mejjet Simon Chetcuti**, deciza fis-27 ta' Jannar 2017 qalet is-segwenti,

*"Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx li l-konvenut għandu jrodd lura d-differenza bejn il-Lm11,000 li ħa u s-Lm7,000 li silef. L-ewwel Qorti qalet dan għax qieset l-iskritturi ta' self bħala nulli għax milquta b'użura. L-użura pero`, ma twassalx għan-nullita` tal-iskritturi. L-artikolu 986 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li "kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' imgħaxijiet f'izjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu zejjed". Kwindi, l-użura ma tirrendix l-obbligazzjoni nulla, iżda jkun null l-obbligazzjoni ta' ħlas ta' imgħax b'rata għola mit-8%. Dan joħroġ ċar ukoll mill-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili, li wara li jgħid li l-imgħax fuq self ma jistax jaqbeż it-8%, jiddisponi li "l-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti ta' 8%".*

[1] Ara fol 12 tal-process

*Obbligazzjoni li tipprospetta ħlas ta' imgħax b'użura ma hijiex obbligazzjoni msejjsa fuq kawża illeċita, għax l-obbligazzjoni ta' self, bħala causa, hija indipendenti mill-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax. F'dan il-każ, l-obbligazzjoni infisha għandha causa ġusta – self biex tinxtara proprjeta` – u l-obbligazzjoni marbuta mal-imgħax hija nulla biss għal dak li hu żejjed 'l fuq mir-rata ta' 8% fis-sena. L-iskritturi in kwistjoni ma jistgħux, għalhekk, jitqiesu bla ebda effett fil-liġi.*

*Dan ifisser li fuq is-self ta' Lm7000 li għamel il-konvenut lill-attriċi, l-istess konvenut hu intitolat ghal imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena."*

Illi l-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid li l-kambjali u promissory notes mahruga skond il-Kodici tal-Kummerc huma titolu ezekuttiv,

*"e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċital-Kummerċ;*

*B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*

*L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;"*

Illi peress li s-socjeta' intimata ghamlet nota ta' riduzzjoni fl-ammont originali kif mitlub fl-ittra ufficcjali *de quo* u peress ukoll li skond kif diga' ddikjarat iktar il'fuq, obligazzjoni ghal hlas ta' imghaxijiet f'izjed minn tmienja fil-mija fis-sena ma jrendux dik l-

obligazzjoni nulla, izda nulla biss ghal dak li hu zejjed, il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida ghaliex ghandha tordna t-titolu ezekuttiv li ottjeniet is-socjeta' intimata fl-ittra ufficcjali numru 1465/2016 datata 8 ta' Gunju 2016, ma tigix reza ezekuttiva. Semmai l-Qorti se tordna li t-titolu ezekuttiv huwa wiehed validu biss sal-valur totali ta' tmint elef sitt mija sitta u disghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€8696.86).

Decide:

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qeghda tichad it-talba kif dedotta mill-istess rikors tar-rikorrenti, u tiddikjara li s-socjeta' intimata ghandha t-titolu ezekuttiv li ottjeniet permezz ta' l-ittra ufficcjali numru 1465/2016 datata 8 ta' Gunju 2016 sa l-ammont bilancjali li ma jeccedix il-valur ta' tmint elef sitt mija sitta u disghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€8696.86)[2].

L-ispejjez ta' dan ir-rikors ghandhom jithallsu kwantu ghal kwart (1/4) mis-socjeta' intimata u tlett kwarti (3/4) mir-rikorrenti.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**

[2] Skond kif mahdum fil-prospettipprezentat mill-istess socjeta' intimata a fol 12 sa 13 tal-process.